MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Numru 222/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR EDELE MARIE CAMILLERI**

**VS**

**DAVID ELLUL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imptuzzjonijiet migjuba kontra David Ellul, ta' 56, bin missier mhux maghruf u Mary Assunta Pizzuto nee' Ellul, imwieled Floriana nhar it-2 ta' Marzu, 1949, residenti fil-fond numru 161, St Edward Street, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 253949 (M);

Akkuzat talli nhar it-18 ta' Marzu, 2000, u fi zminijiet ta' wara dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approrja ruhu, billi

dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm130,000.00 (mija u tletin elf maltin), liema somma giet fdata lilu jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi ggib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan kollu ghad-dannu ta' Maria Assunta Pizzuto, Joyce Taylor, Carmen Mifsud, u Emmanuel Pizzuto, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 293, u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza kienet titratta allegat misappropprojazzjoni ta' mija u tletin elf lira maltin (Lm130,000.00), fi flus mill-akkuzat. Dawn il-flus suppost gew fdati lilu minn ommu, wara li din kienet izzommhom id-dar f'basket. Dan kollu jirrizulta minn skrittura li saret minn ommu l-imputat, liema skrittura hija wkoll iffirmata minn xhud. L-imputat dejjem innega li qatt kellu sehem minn dawn il-flus, u cahad kategorikament l-akkuzi li saru kontrieh.

Mill-provi prodotti ma rrizulta xejn minn dak allegat mill-Prosekuzzjoni. Gew prodotti xhieda, jew ezebiti dokumenti, izda ma kien hemm ebda rabta mal-imputat ta' dan kollu. Ma giex ippruvat li qatt kien hemm dawn il-flus kollha f'kontanti fil-pussess ta' ommu, f'dak l-ammont jew xi ammont iehor. Ma giex ippruvat li dawk il-flus effettivament ghaddew ghand l-imputat. L-iskrittura u x-xhieda moghtija fuq l-istess skrittura ma huma konvincenti xejn, u l-Qorti serjament tiddubita l-veracita' taghhom. Mhux biss, izda fil-fehma tal-Qorti l-istorja kollha hija inverosimili. Dan huwa mhsahhah mit-testment ta' omm l-imputat, esebit fl-atti. Huwa difficli ferm temmen li, f'xi zmiem qabel Novembru fis-sena 2000, omm l-imputat fdatu b'sommu hekk kbira, u fit-testment taghha data Lulju 2001, mhux biss dawn il-flus ma ssemmiehomx, izda addirittura lill-imputat ipprefierietu fuq uliedha l-ohra u hallietlu prelegat. Dan meta x-xhieda qalu li omm l-imputat kienet mara attenta hafna ghall-affarijiet taghha.

Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-Ligi, jigifieri li hemm dubju dettat mir-raguni. Il-Qorti ghandha d-dubji ragonevoli jekk l-istorja kollha hijiex verosimili, ahseb u ara fuq il-htija o meno tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fuq nuqqas ta’ provi, ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------